Consumer Claims Tribunal

Andrea Damato

Vs

Maltapost plc

CCT 173/23/MM

Illum, 10 ta' Settembru 2024

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fl-20 ta' Ottubru 2023 fejn talab is-somma ta' ħames mija u tmenin ewro (€580), rappreżentanti l-valur tal-merkanzija li ġiet rapurtata mitlufa mill-entita' intimata MaltaPost.

Ra r-risposta tal-entita' intimata.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-ġurament.

Ikkunsidra

Ir-rikorrent mar ġewwa l-fergħa postali tal-MaltaPost in-Naxxar fis-16 ta' Ġunju 2023 biex jibgħat pakkett lejn il-Kirgiżistan u talab li dan jiġi assigurat. Il-MaltaPost ma setax jipprovdi assigurazzjoni għall-pakkett, u r-rikorrent xorta waħda ddeċieda li jibgħat il-pakkett mingħajr assigurazzjoni.

Sfortunatament, il-pakkett qatt ma wasal fid-destinazzjoni prevista. Wara sitt ġimgħat ta' stennija, fit-8 ta' Awwissu 2023, il-MaltaPost ikkonċediet li l-pakkett kien mitluf u offriet kumpens skont ir-Regolamenti tal-Unjoni Postali Universali (UPU), li meta wieħed iqis il-piż tal-pakkett u l-posta mħallsa, jammonta għal €87.46.

Ir-rikorrent ma aċċettax dan il-kumpens u minflok qed jitlob is-somma ta' ħames mija u tmenin ewro (€580), li huwa l-valur tal-oġġetti fil-pakkett.

Illi ġara li fl-14 ta' Settembru 2023, il-posta Russa sabet il-pakkett u pproċessatu lid-destinatarju, bil-pakkett jiġi kkunsinnat b'suċċess fil-26 ta' Ottubru 2023. Minkejja li l-pakkett finalment wasal, l-attur jinsisti fuq it-talba tiegħu u jispjega li meta l-pakkett kien iddikjarat mitluf, huwa kellu jerġa' jibgħat il-pakkett mill-ġdid u għalhekk sofra spejjeż ulterjuri. Huwa xehed li għamel arranġamenti alternattivi sabiex jigħat il-pakkett mill-ġdid.

Illi dwar il-kronoloġija u l-fatti ma jidhirx li hemm kontestazzjoni. Illi t-Tribunal ra l-affidavits ta' Sean Dingli u ta' Sammy Mallia u jinnota li l-verżjoni tagħhom fil-maġġorparti taqbel mal-verżjoni tar-rikorrent mogħtija bil-ġurament matul is-seduta tat-28 ta' Novembru 2023 u l-partijiet jaqblu wkoll fuq il-fatt.

Għalhekk jispetta lit-Tribunal li jiddetermina jekk hemmx ħtija u min irid iwieġeb għaliha.

Ikkunsidra

Illi t-Tribunal jinnota li meta r-rikorrenti kien infurmat li MaltaPost ma setax jipprovdi assigurazzjoni għall-pakkett, huwa seta' jagħżel li ma jużax is-servizzi ta' MaltaPost u jagħmel arranġamenti alternattivi għal trasport sigur tal-pakkett, kif huwa jallega li għamel aktar tard wara li l-pakkett ġie dikjarat mitluf. Illi meta għażel li juża s-servizz ta' MaltaPost mingħajr assigurazzjoni, huwa aċċetta r-riskji relatati mal-kunsinna li m'hijiex koperta b'polza ta' assigurazzjoni. Illi r-rikorrent kien jaf li hemm sogru fit-traġitt ta' dan il-pakkett anki peress li r-rotta kienet waħda twila li tgħaddi minn diversi pajjiżi u fil-fatt huwa xehed li kien insista fil-mument li talab is-servizz li l-pakkett jiġi inxurjat.

Illi għalhekk meta ġie mgħarraf li l-MaltaPost ma seghtetx toffrilu polza ta' ssigurazzjoni, dan kellu jkun fattur determinanti għar-rikorrent jekk ikomplix bl-użu tas-servizz bis-sogru li jġib miegħu jew isib metodu ieħor kif jibgħat il-pakkett.

Illi l-kumpens normalment jittieħed f'kunsiderazzjoni meta pakkett jintilef jew ma jkunx ikkunsinnat. F'dan il-każ, il-pakkett ma kienx "mitluf" fis-sens strett; pjuttost, kien 'misplaced' u eventwalment wasal iżjed tard milli mistenni. Peress li l-pakkett eventwalment ġie kkunsinnat, MaltaPost issodisfat l-obbligu bażiku tagħha li twassal il-pakkett, għalkemm ħadet iktar ħin milli kien mistenni. Illi meta r-rikorrent għamel użu mis-servizz tal-MaltaPost huwa aċċetta t-termini u l-kundizzjonijiet tagħhom, li għandu jingħad li huma ċari u disponibbli għall-pubbliku in ġenerali. Illi r-Regolamenti Internazzjonali tal-Unjoni Postali Universali (UPU) meta oġġett jintilef, il-kumpens huwa stabbilit fuq il-piż tal-pakkett u l-ispiża tal-posta mħallsa. MaltaPost offriet kumpens ta' €87.46 skont dawn ir-regolamenti, li huwa f' konformità mal-prattika internazzjonali. Dan jindika li fil-mument li l-pakkett kien preżunt mitluf, MaltaPost aġixxixiet skont ir-regolamenti internazzjonali applikabbli.

Illi ma dan għandu jingħad li l-liġi Maltija applikabbli u ċioe, l-Artikolu 29 tal-Att dwar is-Servizz Postali, Kap 254 tal-Liġijiet ta' Malta, testwalment tgħid hekk:

29. L-operatur postali m'għandu jinkombi ebda responsabbiltà għal kumpens minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, jew dewmien ta', jew ħsara lil, xi oġġett postali fil-kors tat-trasmissjonibil-posta, sakemm dak il-kumpens

(a) ikun hemm qbil dwaru bejn l-operatur postali u l-mittent, jew

(b) ikun ġie stabbilit b'regolamenti kif jistgħu minn żmien għal żmien ikunu preskritti taħt dan l-Att, irrispettivament mill-valur tal-oġġett:

Iżda la l-Awtorità u lanqas xi wieħed mill-uffiċjali tagħha jew xi uffiċjal tal-operatur postali m'għandhom jinkorru ebda responsabbiltà minħabba f'xi telf, nuqqas ta' konsenja, dewmien jew ħsara bħal dawk, kemm-il darba dawn ma jkunux ġew kaġunati b'malafidi jew bi traskuraġni.

Illi t-Tribunal ma jara l-ebda ħtija fl-akkadut u d-dewmien biex il-pakkett wasal ma kienx minħabba nuqqasijiet li huma dovuti għal Maltapost jew għal xi negliġenza da parti tal-uffiċjali tagħha. Illi għall-kuntrarju l-ħaddiema tal-MaltaPost fetħu investigazzjoni u baqgħu insegwu l-każ sakemm il-pakkett evetwalment instab ġewwa r-Russja u tqassam b'suċċess.

Illi t-Tribunal jinnota wkoll li hemm qbil bejn il-partijiet li eventwalment il-pakkett wasal fid-destinazzjoni tiegħu, u għalhekk kwalsiasi talba għad-danni trid tiġi mistħarrġa fid-dawl ta' dan il-fatt.

Illi r-rikorrenti jinsisti fuq il-kumpens minħabba li allegatament kellu jerġa' jibgħat il-pakkett u għalhekk daħal fi spejjeż tal-materjal u post, iżda ma ppreżenta l-ebda evidenza biex juri dawn l-ispejjeż addizzjonali. Mingħajr prova konkreta ta' spejjeż reali sostnuti, it-tribunal ma jistax jikkunsidra tali spejjeż għall-għanijiet ta' kumpens. Illi t-Tribunal jinnota li r-rikorrent preżenta numru sostanzjali ta' dokumenti li fost oħrajn juru l-valur tal-oġġetti li kien fil-pakkett li bagħat tramite l-MaltaPost iżda l-provi huma sajma għal kollox minn evidenza li turi li r-rikorrent daħal fi spiża biex jixtri l-materjal mill-ġdid u biex iħallas lil terzi biex iwasslulu l-pakkett mill-ġdid.

DECIDE

Wara li evalwa l-evidenza kollha u kkunsidra l-liġijiet u r-regolamenti applikabbli, it-Tribunal isib li MaltaPost m'għandha l-ebda obbligu li tħallas l-ammont ta' €580 mitlub mill-attur.

Għal dawn ir-raġunijiet, it-Tribunal jiddeċiedi billi jiċħad it-talba tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Avv. Dr Martha Mifsud

Arbitru